# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

**Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Kylie Borg)**

**vs**

**Ivan Calleja**

Il-Qorti rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra **Ivan Calleja**, li għandu l-karta tal-identita bin-numri 94072M li permezz tagħhom ġie akkużat talli fis-26 ta' Ġunju 2014 għall-ħabta tas-16:00 u fil-ġimgħat ta' qabel din id-data bħala s-sid ta' "Convenience Shop" li jinsab fi Triq Mikiel Ang Sapiano, Ħaż-Żebbuġ, dejjaq lil Daren Callus permezz ta' ħsejjes u vibrazzjonijiet ġejjin mill-air conditioning installat fl-istess ħanut imsemmi;

Kif ukoll talli kiser il-mistrieħ tan-nies bl-istess ħsejjes.

Rat id-dokumenti eżebiti, inkluż ir-relazzjonijiet tal-espert tekniku Professur Joseph Agius;

Semgħet il-provi prodotti;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet;

***<u>Ikkunsidrat:-</u>***

Illi jirriżulta pruvat mingħajr dubju dettat mir-raġuni li l-imputat, *ex admissis* stqarr li huwa *managing director* tal-katina ta' negozji bl-isem "The Convenience Shop". Dan stqarru kemm *viva voce* kif ukoll quddiem PS1585 James Weatherill, fejn stqarr li huwa wieħed mis-sidien tal-ħanut de quo.

Ġie ukoll pruvat li hemm apparat tal-arja kondizzjonata fl-imsemmi stabbiliment li kienet:

(1) Skont dak mistqarr mill-parte civile tikkawża inkonvenjent ta' storbju u vibrazzjonijiet;

(2) Skont dak mistqarr mill-Professur Agius fir-relazzjoni tiegħu dawn l-ilmenti tal-parte civile kienu wkoll sorretti minn riżultanzi xjentifiċi in kwantu mill-aċċess miżmum nhar l-14 ta' Novembru 2014 fit-15:00 irriżulta li bil-makkinarju tal-arja kondizzjonata jaħdem u bit-tieqa miftuħa ġew imkejla livelli ta' 48.3dBA minn fuq l-imħadda tal-kamra tas-sodda tat-tifla tal-parte civile u bit-tieqa magħluqa ġew imkejla livelli ta' 40.8dBA mill-istess post. L-istess Professor Agius spejga li dawn il-livelli jaqbżu l-valuri stipulati mill-World Health Organisation stabbiliti fil-livell ta' 30dBA bħala dawk li

huma aċċettabbli biex ma jirrekawx disturb fis-saħħa tan-nies u fil-mistrieħ tan-nies. Il-Professur Agius ikkonstata wkoll li minbarra tali storbju kien hemm ukoll vibrazzjonijiet moderati minn ġewwa l-kamra tat-tifla u dan minħabba l-manjiera ta' kif iż-żewġt *outdoor units* ġew installati, il-qaww tagħhom u l-viċinanza tagħhom mal-kamra tas-sodda tat-tifla.

***<u>Ikkunsidrat : -</u>***

Il-Qorti trid tagħmilha ċara li l-obbligu tal-imputat li ma jiddisturbax lil parte civile jew lill-ġirien huwa obbligu li dejjem irid jiġi osservat u jrid jibqa' jiġi osservat fil-ġejjieni b'mod partikolari wara d-determinazzjoni ta' din il-kawża. Daqskemm huwa għandu d-dritt li jeżerċita negozju onest, daqstant ieħor il-parte civile għandhom il-jedd li jgħixu f'darhom fil-kwiet u fil-paċi. La l-parte civile u l-anqas l-imputat ma huma qegħdin jgħixu fuq gżira għalihom waħedhom.

Mill-banda l-oħra il-Qorti rat ukoll li mix-xiehda tal-imputat jirriżulta li meta kien qiegħed jixhed huwa kienu traslokaw għal fond akbar u b'hekk il-Qorti tifhem li l-inkonvenjent li setgħa kien hemm issa ma kellux jibqa' l-istess. Jibqa' l-fatt pero li f'dan il-każ, il-livelli ta' ħsejjes reġistrati xorta waħda jistgħu jerġgħu

jivverifikaw ruħhom fil-każ li l-apparat tal-arja kondizzjonata jiġi operat mill-ġdid. Għalkemm ġie pruvat soddisfaċentement li l-imputat ma għadux juża l-istess fond għall-istess fini preċedenti, ma ġiex pruvat ukoll li huwa ħareġ definittivament mill-pussess tal-istess fond.

## *Decide*

Li wara li rat ir-regolamenti 22 u 36 tal-L.S. 441.07 u l-Artikoli 18 u 53 tal-Kapitolu 441 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll l-Artikoli 17(d), 338(m) u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta il-Qorti qegħda ssib lill-imputat Ivan Calleja ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u tikkundannah għal ammenda komplessiva ta' mitt euro (€100).

Inoltre ai termini tal-Artikolu 377 tal-Kodiċi Kriminali tordna lill-ħati sabiex jassigura li r-rakkomandazzjonijiet, miżuri u rimedji preskritti fir-relazzjoni tal-Espert Tekniku Joseph Agius kif kontenuti fl-atti ta' dan il-każ ikunu mwettqa definittivament fi żmien tliet xhur millum b'dan li l-istess ħati jibqa' obbligat anke wara d-dekors tal-imsemmija tliet xhur li jżomm mal-istess rakkomandazzjonijiet, miżuri u rimedji preskritti b'mod partikolari dawk ir-rakkomandazzjonijiet relattivi għaż-żamma fi

stat tajjeb ta' riparazzjoni u manutenzjoni tal-apparat kollu msemmi fl-istess relazzjonijiet.

Inoltre, stante li dawn huma proċeduri istitwiti *ex officio* mill-Pulizija, wara li rat l-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti qegħdha tikkundanna lill-ħati għall-ħlas, lir-reġistratur, tal-ispejjeż kollha li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-Perit Professur Joseph Agius u ċjoe fl-ammont ta' ħames mija tmienja u erbgħin euro ħamsa u erbgħin ċenteżmu (€548.45) u dan fi żmien tliet xhur millum.

***23.x.2015,***
***Qrati tal-Ġustizzja,***
***Valletta.***

***Aaron M. Bugeja***